**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 118 / 2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**John Said**

Illum 25 ta' Mejju, 2023,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, John Said detenur tal-karta tal-identita Maltija 309470 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar is-6 ta' Frar 2022 ghal habta tal-hdax u nofs u sitt minuti ta' filgħaxija (23:36) fi Triq il-Wileg, San Pawl il-Bahar, saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GGV 514

1. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni;

2. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b'mod perikoluz;

3. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bla kont;

4. U soqt jew ippruvajt issuq, jew kellek kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku iehor waqt li ma kontx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi.

5. U aktar talli inqast jew irrifjutajt li taghti skond il-ligi kampjun tan-nifs, tad-demm u/jew tal-urina.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat (illum appellant) jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-14 ta' Frar, 2023, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-liġi u ċioe l-Art. 15(1) u l-Art. 15E(4) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet numru erbgħa u hamsa u għalhekk immultatu is-somma ta' elfejn euro (€ 2,000). B'żieda mal-piena, ai termini tal-Art. 15H(2) il-Qorti skwalifikatu lill-imputat mill-liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant John Said, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-28 ta' Frar, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tikkonfermaha fejn ma sabitx lil appellant hati ta' l-ewwel tlett akkuzi u tirrevokaha in kwantu sabitu hati tar-raba' u hames akkuza u kundannatu ghal multa ta' elfejn ewro (€2,000) u sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur u konsegwentament tilliberah minn kull piena u htija skond il-Ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant John Said li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

**L-Ewwel Aggravju**

1. ILLI l-appellant umilment jissottometti illi l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni zbaljata tal-Ligi fis-sens li meta l-Pulizija marru fuqu, l-Pulizija xehedu permezz ta' l-affidavit illi l-imputat, illum appellant kien rieqed. Illi huwa minnu li l-appellant instab rieqed fis-seat tax-xufier, izda jirrizulta wkoll li l-vettura kienet mitfija u ma hemm ebda prova in atti li l-vettura kienet qed tinstaq tant li l-Ewwel Qorti illiberat lil John Said mil- ewwel tlett akkuzi;

2. ILLI gjaladarba l-appellant ma kienx qieghed isuq il-vettura meta marru fuqu l-Pulizija, anzi, kien rieqed, isegwi li l-appellant la pprova jsuq, wisq anqas saq u l-anqas ma seta jkollu l-kontroll tal-vettura u per konsegwenza, l-appellant jissottometti li ma setax jigi misjub hati tar-raba' u hames akkuza;

3. ILLI kull driver hu prezunt u mistenni li jkollu kontroll shih fuq il-vettura tieghu w jekk hu jitlef dan il-kontroll, irid jaghti spjegazzjoni ghala gralu hekk, li tkun tikkonvinci ghall-inqas sal-grad tal-probabbilta'. Izda f'dan il-kaz, kif gie konfermat mil-Pulizija stess, l-appellant ma kienx qieghed isuq, anzi kien rieqed bil-karozza tieghu parkjata fil- genb tat-triq. Illi għalhekk isegwi li l-appellant ma kellux kontroll tal-vettura tieghu l'ghaliex ma kienx qieghed isuq.

Rat l-atti tal-kawza

Rat id-dokumenti esebiti

Rat il-fedina penali aggornata

**Ikkunsidrat,**

Illi f'din il-kawza l-apellant qed isostni li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi u dan ghaliex fil-fehma tieghu waslet ghal gudizzju zbaljat u cioe wiehed li kien '*safe and unsatisfactory*'. Ghalhekk din il-Qorti trid tezamina mill-gdid l-provi kollha biex tara jekk l-Ewwel Qorti waslitx ghal gudizzju eroneju.

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

**Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**[1];

**Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**[2];

**Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul** [3];

**Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech** [4];

**Il-Pulizija v. Carmelo Schembri** [5];

**Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed**[6]; u

**Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef** [7]

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-14 ta' Frar, 1989;
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it12 ta' Mejju, 1994
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-6 ta' Gunju, 1994
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it--28 ta' April, 1995
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-3 ta' Novembru, 1995
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-18 ta' Marzu, 2010

Ghalhekk din il-Qorti fliet l-provi imrresqa u jirrizulta is-segwenti.

Illi **PS 55 L Cutajar** xehed permezz ta affidavit esebita fl-awla (fol. 2). Dan stqarr li nhar is-6 ta' Frar, 2022, ghall-habta tal-23.10 p.m gew infurmati li kien sehh incident stradali quddiem il-Bellavista Hotel, Triq il-Wileg, San Pawl il-Bahar fejn vettura baqghet diehla go sigra. B'hekk irrikorrew fuq il-post.

Huwa flimkien ma PC 1412 marru fuq il-post fejn innutaw vettura sewda tal-ghamla Mitsubishi numru ta' registrazzjoni GGV 514 taghlaq il-karreggjata direzzjoni lejn l-Qawra. Il-vettura giet innotata li kellha bosta hsarat fuqha fosthom bumper ta' quddiem u l-mirja taz-zewg nahat kienu milquta u imqaccta. Ix-xufier gie innutat fil-vettura stess fejn kien jidher li kien rieqed. Fethu l-bieba tax-xuffier, u qajjmuh. Identifikaw ruhhom u qalghu c-cavetta mill-ignition tal-vettura. Dan qam u kien jidher car li ma jafx fejn kien u staqsewh jekk jafx fejn kien dak il-hin. Irrizulta li x-xuffier kien l-akkuzat qua appellant. Dan stqarr li huqa joqghod Bahar ic-Caghaq u ma jafx kif spicca l-Qawra. Dan beda jghid li huwa hareg l-Belt u kien sejjer lejn id-dar tieghu. Dan stqarr ukoll li ma jafx kif spicca hemm. Staqsewh jekk jafx li ghamel hsara fil-vettura tieghu fejn ukoll stqarr li ma kien jaf xejn dwarhom.

Team mediku immexxi min Nurse reg no 5026 marru fuq il-post fejn dan irrifjuta li jmur l-isptar. Iddecieda li jsir test tal-kampjun tan-nifs ghar-raguni li John kien jidher li kien fi stat ta' sokor. Dak il-hin beda ihawwwad fil-kliem u ma jafx fejn kien u f'hinijiet beda ukoll jitlef il-bilanc.

**PC 1412** xehed permezz ta' affidavit esebita fl-atti a fol. 4 tal-process u stqarr li nhar is-6 ta' Frar, 2022, ghall-habta tal-23.00 p.m il-Pulizija mill-Ghassa tal-Qawra giet infurmata li faccata tal-Bellavista Jotel, Triq l-Wileg San Pawl il-Bahar kien hemm vettura li baqghet diehla go sigra. Il-pulizija u cioe' huwa flimkien ma' PS 55 irrikorrew fuq il-post.

Fuq il-post giet innutata vettura ta' lewn iswed u ta' l-ghamla Mitsubixhi bin-numru tal-pjanca GGV 514 taghlaq il-karreggjata direzzjoni lejn l-akwarjum tal-Qawra. Il-vettura giet innutata li kellha bosta hsarat fosthom l-bumper ta' quddiem u kif ukoll l-mirja taz-zewg nahat kienu imqactin. Ix-xufier gie nnutat fil-vettura fejn deher li kien rieqed. Il-pulizija fethet il-bieba tax-xufier wara li ghal divresi drabi habtulu mal-hgiega dan ma qamx. Il-pulizija identifikat ruhha qalghet ic-cavetta mill-ignition tal-vettura. Dan qam u kien jidher car li ma jafx fejn kien u l-pulizija staqsietu jekk jafx fejn kien dak il-hin. Dan stqarr li jghix Bahar ic-Caghaq u ma jafx kif spicca l-Qawra ghax hu kien telaq mill-Belt. Il-Pulzija staqsietu jekk jafx li kien ghamel hsara lill-vettura u dan wiegeb fin-negattiv. Team mediku imexxi min nurse reg no. 5028 irrikorra fuq il-post izda l-akkuzat qua appellant irrifjuta li jmur l-isptar. Il-pulizja iddecidiet li tiehu kampjun tan-nifs. OC 351 irrikorra l-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta fejn gab il-breathlyser tal-Mosta ghar-raguni li tal-Qawra kellhom taghhom ghat-tiswija. Ghal habta tal-11.36 p.m il-pulizija, nfurmatu li ser isir test kampjun tan-nifs u li jekk ried seta' jirrifjuta dan it-test pero' t-test kien ser jigi uzat il-Qorti. Dan gie imwissi bid-dritt tieghu t' Avukat fejn fil-prezenza ta' PC 55. Kien hemm ukoll il-Body cameras li hadu filmat ta' dak li kien ghaddej. Dan irrifjuta li jaghmel it-test u l-akkuzat qua appellant gie mwassal id-dar u gie infurmat li kellu jirrikorri lura l-Ghassa meta kien f'siktu biex jigbor il-vettura.

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Frar, 2023, l-ufficcjal prosekutur esebixxa d-dokument tar-rizultat tal-breathalyser, kif ukoll il-PIRS u DVD li jikkontjeni l-footage tal-body cam imsemmi fl-affidavit ta' PC 55.

Illi l-Ewwel Qorti ma sabitx lill-appellanti hati ta' l-ewwel tlett akkuzi u dan ghaliex ma kienx hemm provi ta' sewqan da parti tal-appellanti izda sabitu hati tar-raba' u l-hames akkuza u mmultatu s-somma t' elfejn ewro (€2,000) u ordnat li l-licenzja tas-sewqan tieghu tigi skwalifikata ghall-perjodu ta' sitt xhur minn dakinhar li tat is-sentenza taghha.

Il-Qorti ezaminat il-filmat mehud bil-bodycam li kienet fuq il-pesuna ta' PC 55 u minn ezami ta' l-istess jirrizulta li l-vettura li nstab fiha l-akkuzat qua appellant kienet qed taghlaq parti sostanzjali mill-karreggjata li taghti ghal Qawra gewwa Triq il-Wileg, San Pawl il-Bahar.

Illi f'din il-kawza l-prosekuzzjoni naqset li tipprova li kien ix-xufier li kien qed isuq il-vettura GGV 514 nhar is-6 ta' Frar, 2022, ghall-habta ta' 23.36 p.m fi Triq il-Wileg, San Pawl il-Bahar u dan ghaliex hija marret fuq il-post wara li kienet irceviet telefonata li kien hemm vettura mahbuta f'din it-triq. Illi ghalhekk il-pulizija li xehdu bl-ebda mod ma qalu li raw lill-akkuzat qua appellant isuq. Tant hu hekk li l-Ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant hati ta' l-ewwel tlett akkuzi a bazi ta' nuqqas ta' provi dwar l-allegat is-sewqan tieghu. Kien jispetta lill-proskeuzzjoni li dakinhar li l-appellant instab fil-vettura tieghu rieqed kien qed isuq il-vettura. Meta l-appellant gie mistoqsi kif spicca l-Qawra fl-ebda hin ma jghid li saq hu hemmhekk. Anzi jghid li huwa kien il-Belt u ried imur lura id-dar.

Kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **il-Pulizija vs Christian Fenech** [8]:

> *"….. qabel ma Uffiċjal tal-Pulizija jkun jista' jeħtieġ lil xi sewwieq ta' vettura bil-mutur biex jagħti kampjun tan-nifs għat-test tan-nifs bl-Alcovisor huwa jrid almenu jkollu elementi biżżejjed li jsawrulu s-suspett raġjonevoli li jew li* ***s-sewwieq saq*** *jew* **ipprova jsuq** *jew* ***kellu l-kontroll ta' vettura bil-mutur*** *jew vettura oħra fi triq jew f'post pubbliku u li jkollu l-alkoħol f'ġismu, jew li s-sewwieq ikun għamel reat kontra l-Ordinanza jew xi regolamenti magħmula taħtha waqt li l-vettura bil-mutur kienet miexja jew li meta misjuqa, dik il-vettura kienet involuta f'xi inċident; iżda l-fatt li jkun hemm dik ir-riħa ta' xorb sic et simpliciter ma jfissirx li dik il-persuna hija ħatja tar-reat taħt l-artikoli 15A jew 15B(1) tal-Ordinanza".*

Meta l-ligi tghid li l-prosekuzzjoni trid tipprova li s-sewwieq jew saq il-vettura jew kien ser jipprova jsuq il-vetttura jew li kellu l-kontroll taghha tfisser li f'xi hin il-vettura

[8] Deciza nhar ifd-19 ta Mejju 2020 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali

kienet mixghula u jew qed tinstaq jew hemm indikazzjoni li x-xufier kien bi hsiebu isuq jew li kien wara l-isteering jipprepara biex jistartja il-karozza. F'dan il-kaz ma kien hemm xejn minn dan salv li x-xufier tal-vettura kien rieqed fis-seat tax-xufier fi Triq Wileg jaghlaq it-triq.

Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax tara kif l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tar-raba' u l-hames akkuza meta prova tas-sewqan ma kienx hemm kif del resto qieset hi meta illiberatu mill-ewwel tlett akkuzi.

Huwa minnu li tal volta il-provi cirkostanzjali jistghu jkollhom importanza daqs li kieku kienu provi diretti pero' dan basta li jkunu univoci u li jwasslu ghal direzzjoni wahda. F'dan il-kaz din il-Qorti m' hiex tal-fehma li a bazi tal-provi migjuba tista' ssib lill-appellant hati ta' dawn iz-zewg akkuzi u cioe' tar-raba' u hames akkuza.

Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li qieghda tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant mhux hati ta' l-ewwel tlett akkuzi qieghda tirrevokaha fejn sabitu hati tar-raba (4) u hames (5) akkuza u tilliberah minnhom u minn kull piena moghtija. Qieghda ukoll tordna revoka fl-ordni tal-Ewwel Qorti fejn ordnat l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-appellant ghall-perijodu ta' sitt xhur.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Adrian Micallef**

**Deputat Registratur**